MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 270/15LM

**Bernard Abela [K.I. Nru. 448563(M)] u**
**Michael Vella [K.I. Nru. 0011386(M)]**

**vs.**

**Avv. Justin Zahra għan-nom tad-Direttorat tal-Agrikoltura**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Marzu, 2015 mill-atturi **Bernard Abela u Michael Vella** li kkonfermaw bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talbu li din il-Qorti:

1. *Illi l-istanti u l-konvenut mħarrek (recte) kienu għamlu kuntratt (recte) li skont klawsola (1) Michael Vella huwa intitolat għal għajnuna taħt id-Dairy restructuring Aid-Animal Housing Scheme 2002-2008 li tammonta għal disgħa u tletin elf u tlieta u erbgħin euro (€39,043.00) (vide DOK MV12), filwaqt li Bernard Abela skont klawsola (1) ir-raħħal huwa intitolat għal għajnuna taħt id-Dairy restructuring Aid-Animal Housing Scheme 2002-2008 li tammonta għal għoxrin elf tmien mija u erbgħa euro (€20,804.00)(vide DOK BA2 anness);*

2. *Illi Bernard Abela kien għamel dikjarazzjoni uffiċjali (vide DOK BA2 anness) illi ma kienx qiegħed jaqbel mal-figura tal-għajnuna hekk kif kalkolata mid-Direttorat u ndikata fi klawsola wieħed (1) ta' dan il-kuntratt u b'hekk avża formalment lid-Direttorat billi l-ammont kellu jirdoppja u għalhekk Bernard Abela huwa intitolat għal wieħed u erbgħin elf, sitt mija u tmien euro (€41,608). Illi għalhekk id-dokument bir-referenza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura Agric 63/2008/226, bi preċiżjoni item 3 kellu jiġi korrett, fil-fatt l-ammont dovut qiegħed indikat fil-Bill of Quantities u mhux kellu jerġa' jiġi diviż fi tnejn;*

3. *Illi dawn il-kuntratti saru versu l-ammont ta' tmenin elf, sitt mija u tmienja u wieħed u ħamsin euro (€80,651.00c), minn liema ċifra l-Avv. Justin Zahra għan-nom tad-Direttorat mħarrek ma awtorizzax l-ħlas, liema ammont kien ġie mifthiem fuq l-istess kuntratti li jitħallas fi żmien tlett (3) snin mid-data tal-8 ta' Marzu, 2013;*

4. *Illi l-istanti irċievew ittra datata 28 ta' Novembru, 2014 (vide DOK BA1 u MV1 anness), li skont il-Bord tar-Reviżjoni li matul l-2014 wettaq numru ta' verifiki dwar l-ammont eliġibbli skont il-klawsoli 3 u 6 tal-kuntratt, l-istanti ma ġewx meqjusa eliġibbli għall-ebda raġuni valida fil-liġi;*

5. *Illi għalkemm ż-żmien stipulat fil-kuntratti, ċioè t-tlett (3) snin għall-ħlas tal-ammont, għadu ma skadix u għalkemm l-istanti avviċinaw diversi drabi lid-Direttorat mħarrek sabiex jiġi effettwat tali ħlas, dan baqa' inadempjenti;*

6. *Illi l-istanti interpellaw formalment lid-Direttorat li debitament rappreżentat mid-Direttur Avv. Justin Zahra mħarrek b'att ġudizzjarju datat 24 ta' Frar, 2015 u l-istess ġie debitament notifikat fis-27 ta' Frar, 2015 (vide DOK BA5 u DOK MV13 anness);*

7. *Illi nonostanti tali interpellazzjoni ġudizzjarja u n-notifika tagħha, d-Direttorat mħarrek baqa' qatt ma resaq biex jeffettwa pagament, la in parte u anqas in toto;*

8. *Illi għalhekk llum il-ġurnata, l-ammont li hu dovut u spettanti lill-istanti in virtù tal-imsemmija stipulazzjonijiet kuntrattwali jammonta għal €80,651.00c, bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fuq tali ċifra dekorribbli mit-8 ta' Marzu, 2013;*

9. *Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li d-Direttorat mħarrek għandu fil-konfront tal-istanti u tali dejn hu wieħed ċert, likwidu u dovut;*

10. *Illi, sa fejn jafu l-istanti Michael Vella u Bernard Abela, id-Direttorat mħarrek ma għandux eċċezzjonijiet x'jissolleva u x'jagħti kontra t-talba odjerna;*

11. *Illi għalhekk l-istanti kellhom jressqu il-preżenti proċeduri sabiex jeżiġu u jottjenu l-pagament tal-ammont bilanċjali, oltre imgħax u spejjeż, hawn fuq indikat fil-paragrafu 8.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Avukat Justin Zahra għan-nom tad-Direttorat tal-Agrikoltura** li ġiet ippreżentata fil-21 ta' April, 2015:

1. *Illi in linea preliminari l-azzjoni istitwita mill-atturi hija improponibbli u dan peress illi hija bbażata fuq relazzjoni kuntrattwali liema kuntratt ma kienx komuni bejn l-attur Bernard Abela u l-attur Michael Vella, bil-konsegwenza illi kull attur irid jipproċedi b'azzjoni separata abbażi tal-kuntratt tiegħu;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll fir-rigward tal-attur Michael Vella l-esponent jeċepixxi illi l-ftehim permezz ta' skrittura - datata 7 ta' Marzu 2013 - mertu tal-każ odjern ma kienx ma' Michael Vella biss iżda kien ukoll ma' Saviour Vella [K.I. Numru 416188 (M)] u għalhekk kwalunkwe ammont allegatament pretiż mhuwiex biss tal-attur Michael Vella iżda huwa wkoll ta' Saviour Vella. Għaldaqstant kwalukwe kawża istitwita minn Michael Vella f'dan ir-rigward għandu jiġi kjamat fiha Saviour Vella.*

3. *Illi fil-mertu l-esponent jeċepixxi illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi l-esponent mhuwiex obbligat illi jħallas l-ammonti pretiżi mill-atturi u dan peress illi l-ħlas indikat fil-ftehim - liema ftehim sar permezz ta' skritturi separati bejn l-atturi u l-esponenti (annessi u mmarkati bħala Dok DA 1 u Dok DA 2) - kien suġġett għal diversi termini u kundizzjonijiet, liema termini u kundizzjonijiet effettivament seħħew bil-konsegwenza li l-ebda wieħed mill-atturi ma huwa intitolat għal tali għotja, u dan kif ser jiġi spjegat matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

5. *Illi a kuntrarju għal dak allegat mill-atturi kienu l-atturi li ma aġixxewx in bona fede meta daħlu għal ftehim stante li huma żammew mistur il-fatt li huma kienu bbenefikaw taħt miżura oħra liema benefiċċju jeskludi li l-istess persuna terġa' tibbenefika taħt il-kuntratt mertu tal-kawża odjerna. Illi wieħed mill-prinċipji kardinali tal-liġi tal-kuntratti huwa illi l-partijiet li jersqu fuq kuntratt ikunu in bona fede; ħaġa li l-atturi ma kellhomx;*

6. *Illi l-ebda aġir tal-esponent ma rreka xi danni lill-atturi u dan peress illi l-iskema kienet tinvolvi r-riżarċiment ta' spejjeż u ta' nfiq li diġà jkun sar. L-atturi bl-ebda mod ma batew xi danni u dan peress li t-tinda li bnew xorta waħda kienet ser tinbena (recte) mill-atturi;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ebda interessi fuq l-ammont pretiż ma huma dovuti lill-atturi u dan għaliex:*

   a. *L-ammont pretiż ċertament mhuwiex dovut; u*

   b. *Fi kwalunkwe każ għadu ma għaddiex it-terminu illi fihom kienu ser jitħallsu l-fondi kieku ma seħħewx il-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija li bihom l-atturi kellhom jiġu esklużi milli jibbenefikaw mill-iskema.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għall-provi u għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2015 fejn l-Avukat Abigail Caruana għall-konvenut irtirat it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u żammet ferm l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut f'din il-kawża qiegħed jeċċepixxi preliminarjament illi l-azzjoni istitwita mill-atturi mhijiex proponibbli u dan peress li għad li l-azzjoni hija bbażata fuq relazzjoni kuntrattwali, madankollu il-kuntratti invokati b'din l-azzjoni huma kuntratti separati u mhux komuni għall-attur Bernard Abela u l-attur Michael Vella. Il-konvenut isostni illi kull attur kellu għalhekk jipproċedi b'azzjoni separata, kull wieħed abbażi tal-kuntratt tiegħu.

Mill-atti jirriżulta li mal-atturi l-konvenut daħal f'żewġ kuntratti separati u mhux wieħed, għad li ġie esebit kuntratt wieħed biss flimkien mar-Rikors Maħluf, dak ma' Bernard sive Benny Abela (a fol. 24 sa 26 tal-proċess). Iż-żewġ kuntratti separati inkwistjoni ġew esebiti mill-konvenut flimkien mar-Risposta Maħlufa tiegħu, dak ma' Bernard sive Benny Abela li hu datat 8 ta' Marzu, 2013 (li jinsab esebit a fol. 41 - 46 tal-proċess), u dak ma' Michael Vella li hu datat 7 ta' Marzu, 2013 (li jinsab esebit a fol. 47 - 50 tal-proċess).

Mill-atti jirriżulta wkoll li għad li l-atturi Michael Vella u Bernard sive Benny Abela joperaw fl-istess settur ta' negozju, dak tal-biedja, in-negozju rispettiv tagħhom bl-ebda mod m'hu konness jew relatat direttament jew indirettament. Fil-fatt l-attur Michael Vella jopera l-farm bl-isem 'Vella Farm', Off Triq tal-Balal, Ta' Sqaq tal-Mejda, l/o ta' San Ġwann filwaqt li l-attur l-ieħor Bernard sive Benny Abela jopera l-farm bl-isem 'Bernard Farm', fi Triq Giuseppe D'Arena, Ħal Għaxaq.

Permezz tal-kuntratt bejn il-konvenut Direttorat tal-Agrikoltura u l-attur Michael Vella datat 7 ta' Marzu, 2013 (a fol. 47 sa 50 tal-proċess), ġie mifthiem li Michael Vella huwa intitolat għal għajnuna taħt id-*Dairy Restructuring Aid – Animal Housing Scheme 2002 – 2008* li tammonta għal disgħa u tletin elf u tlieta u erbgħin euro (€39,043), liema ħlas ta' dan l-ammont huwa soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt. L-imsemmi ammont ta' għajnuna taħt id-*Dairy Restructuring Aid – Animal Housing Scheme 2002 – 2008* ġie maħdum skont il-*bills of quantities* miġjuba fl-Anness 1 (Final Bill for

the constuction of roof structure at 'Vella Farm', Off Triq tal-Balal, Ta' Sqaq tal-Mejda, l/o San Ġwann), u l-lista bir-rati applikabbli miġubja fl-Anness 2, annessi mal-istess kuntratt.

Permezz tal-kuntratt bejn il-konvenut Direttorat tal-Agrikoltura u l-attur Bernard sive Benny Abela datat 8 ta' Marzu, 2013 (a fol. 41 sa 46 tal-proċess), ġie mifthiem li Michael Vella huwa intitolat għal għajnuna taħt id-*Dairy Restructuring Aid – Animal Housing Scheme 2002 - 2008* li tammonta għal għoxrin elf, tmin mija u erbgħa euro (€20,804), liema ħlas ta' dan l-ammont huwa soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt. L-ammont ta' għajnuna imsemmi taħt id-*Dairy Restructuring Aid - Animal Housing Scheme 2002 – 2008* ġie maħdum skont il-*bills of quantities* miġjuba fl-Anness 1 (Final Bill for the constuction of roof structure at 'Bernard Farm', Triq Ġużeppi D'Arena, Ħal Għaxaq) u l-lista bir-rati applikabbli miġjuba fl-Anness 2, annessi mal-istess kuntratt.

Annessa ma' dan il-kuntratt bejn il-konvenut Direttorat tal-Agrikoltura u l-attur Bernard sive Benny Abela, hemm dikjarazzjoni tal-attur Bernard sive Benny Abela (a fol. 45 u 46 tal-proċess) fejn qed jindika l-intenzjoni tiegħu illi jibgħat l-ilment formali tiegħu lill-Bord ta' Reviżjoni in konnessjoni mal-ammont tal-għajnuna kif ikkalkulat mid-Direttorat tal-Agrikoltura.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt**

Il-konvenut Dr. Justin Zahra nomine eċċepixxa in linea preliminari li l-azzjoni mressqa mill-atturi hija improponibbli peress li hija bbażata fuq relazzjoni kuntrattwali, liema kuntratt ma kienx komuni bejn l-attur Bernard Abela u l-attur Michael Vella, bil-konsegwenza illi ż-żewġ atturi jridu jipproċedu b'azzjoni separata abbażi tal-kuntratt tiegħu.

Dan huwa każ fejn żewġ atturi minflok ressqu l-azzjonijiet tagħhom permezz ta' żewġ kawżi separati, bdew il-kawżi tagħhom billi ppreżentaw rikors ġuramentat wieħed permezz ta' dik li tissejjaħ kawża kollettiva jew kumulattiva.

Sabiex żewġ atturi jkunu jistgħu jibdew il-kawżi tagħhom b'rikors ġuramentat wieħed, il-liġi permezz tal-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 teżiġi li jridu jiġu sodisfatti ċerti rekwiżiti u ċjoè li (i) l-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom jew (ii) jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża jew il-kawżi l-oħra u (iii) jekk il-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment, l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra. Filwaqt li l-ewwel żewġ rekwiżiti huma alternattivi, it-tielet rekwiżit irid jiġi sodisfatt fi kwalunkwe każ.

Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Joseph u Monica Grima et vs. Pierre Buontempo et**[1]:

> *"Qabel ma din il-Qorti tidħol biex tittratta l-meritu, hu meħtieġ li tiġi determinata l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti dwar il-validità taċ-ċitazzjoni. Huma eċċepew in-nullità taċ-ċitazzjoni bħala azzjoni kollettiva. Fuq dan il-punt, din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li qieset permissibbli azzjoni kollettiva fit-termini tal-Artikoli 161(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-Artikolu jippermetti li ssir kawża waħda minn diversi atturi "jekk il-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-meritu tagħhom jew jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża jew il-kawżi l-oħra u jekk il-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra.".*
>
> *Mill-premess jirriżulta li tista' ssir kawża kollettiva jew għax il-pretensjonijiet tad-diversi atturi "jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin", jew għax il-provi u l-eventwali deċiżjoni fuq pretensjoni waħda tista' "tolqot" il-pretensjonijiet l-oħra. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Micallef et vs. Trusted Ltd et*** [2]*, mhux meħtieġ li l-atturi kollha jkollhom l-istess interess fil-kawża, jekk kemm-il darba t-talbiet setgħu jkunu l-istess u joħorġu mill-istess ċirkostanzi. F'dan il-każ, in-negozju kien wieħed, għalkemm kien jinvolvi diversi persuni, u l-pożizzjoni tal-atturi huma identiċi. Hu ovvju li l-provi huma marbuta ma' xulxin u l-pretensjonijiet tal-atturi huma marbuta waħda mal-oħra, u deċiżjoni fuq pretensjoni tista' tolqot id-deċiżjoni fuq pretensjoni oħra".*

[1] Deċiża fil-5 ta' April, 2013.
[2] PA (JRM) deċiża fl-20 ta' Ġunju 2012.

Għad li l-atturi f'din il-kawża jista' għandhom azzjonijiet b'mertu li jixxiebaħ, ma jistax però jingħad li l-azzjonijiet tagħhom b'xi mod għandhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom. Il-mertu tal-azzjoni ta' kull wieħed mill-atturi bl-ebda mod m'huwa konness. Iż-żewġ atturi f'din il-kawża qegħdin jippretendu mingħand il-konvenut il-ħlas rispettiv li suppost huma intitolati għalih abbażi ta' żewġ kuntratti separati u distinti, bħala ko-finanzjament taħt id-*Dairy Restructuring Aid - Animal Housing Scheme 2002 - 2008* għal xogħlijiet li huma wettqu fl-irziezet tagħhom li jinsabu f'San Ġwann u Ħal Għaxaq rispettivament.

Min-naħa tiegħu l-konvenut Dr. Justin Zahra nomine qiegħed jirrifjuta li jeffettwa l-ħlas rispettiv pretiż mill-atturi skont il-kuntratt rispettiv tagħhom, minħabba li huma kienu diġà bbenefikaw taħt miżura oħra (Miżura 121), liema benefiċċju jeskludi li l-istess persuna terġa' tibbenefika taħt il-kuntratt mertu tal-kawża odjerna.

Din il-Qorti tqis li m'hemm ebda konnessjoni bejn l-azzjoni tal-attur Michael Vella u l-azzjoni tal-attur Bernard sive Benny Abela, 'il għaliex ir-relazzjoni ġuridika mad-Direttorat tal-Agrikoltura hija waħda separata bbażata fuq kuntratti differenti b'benefiċjarji distinti minn xulxin.

In kwantu għall-ewwel rekwiżit rikjest bl-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 li "l-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom" (fit-test Ingliż: *"the actions are connected in respect of the subject matter thereof"*), din il-

Qorti hija tal-fehma li f'dan ir-rigward tista' b'analoġija tagħmel riferiment għar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12 li huma applikabbli meta jkun hemm konnessjoni ta' kawża m'oħra.

L-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li "meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot id-deċiżjoni l-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien".

Il-kriterji stabbiliti bl-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12 huma loġikament inqas rigorużi mir-rekwiżiti stipulati bl-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12, 'il għaliex fis-sitwazzjoni regolata bl-Artikolu 793(1) iż-żewġ kawżi għalkemm mismugħin flimkien jibqgħu żewġ kawżi differenti, mentri fis-sitwazzjoni kontemplata bl-Artikolu 161(3) żewġ atturi jew aktar jibdew il-kawżi tagħhom b'rikors maħluf wieħed.

Din il-Qorti tqis illi jekk żewġ atturi jkunu ipproponew l-azzjonijiet tagħhom f'kawżi separati flok fl-istess kawża, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma tiġix milqugħa talba għall-konnessjoni ta' azzjonijiet ai termini tal-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12, *multo magis* iż-żewġ azzjonijiet ma setgħux ikunu proposti f'kawża waħda skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12.

Li kieku għas-saħħa tal-argument l-atturi fil-kawża odjerna ppreżentaw l-azzjonijiet tagħhom f'kawżi separati minflok b'din il-kawża kumulattiva, din il-

Qorti hija tal-fehma li ma kinitx tordna l-konnessjoni tal-azzjonijiet ai termini tal-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12 peress li ma teżistix konnessjoni ta' suġġett, u, id-deċiżjoni ta' waħda mill-kawżi ma tistax tolqot id-deċiżjoni tal-kawża l-oħra.

Tenut kont ta' dan, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-kawżi taż-żewġ atturi fil-kawża odjerna m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom u assolutament mhuwiex il-każ li d-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża l-oħra. It-talbiet tal-atturi mhumiex l-istess u ma joħorġux mill-istess ċirkostanzi.[3] L-azzjonijiet taż-żewġ atturi f'din il-kawża huma bbażati fuq żewġ kuntratti differenti b'benefiċjarji differenti, u jagħmlu riferiment għal ċirkostanzi differenti, ċjoè talbiet differenti fir-rigward ta' xogħlijiet differenti ġewwa rziezet differenti.

Terġa' u tgħid it-talbiet tal-atturi fil-kawża odjerna huma differenti wkoll 'il għaliex l-attur Bernard sive Benny Abela qiegħed jikkontendi li huwa dovut lilu ammont ikbar minn dak li suppost huwa intitolat għalih skont il-kuntratt iffirmat bejnu u Dr. Justin Zahra nomine fit-8 ta' Marzu, 2013.

L-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 jirrikjedi mhux biss li l-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom jew li jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża l-oħra, imma li fi kwalunkwe każ li l-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment, l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża l-oħra.

[3] Ara **Joseph Micallef et vs. Trusted Ltd et** - PA (JRM) deċiża fl-20 ta' Ġunju 2012.

Anki f'din l-istanza din il-Qorti tagħżel li tapplika t-test li kienet tapplika li kieku ż-żewġ atturi f'din il-kawża pproċedew b'żewġ kawżi differenti minflok ma ppreżentaw kawża kollettiva taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 u xi wieħed mill-atturi jitlob li ż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment flimkien, bil-provi, dokumenti, u xhieda prodotti fiż-żewġ kawżi japplikaw għal xulxin. Tali talba kienet ċertament tiġi miċħuda 'il għaliex il-provi, dokumenti, u xhieda li setgħu jiġu prodotti fiż-żewġ kawżi bl-ebda mod ma japplikaw għal xulxin.

Tqis illi fiċ-ċirkostanzi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut jistħoqqilha li tiġi milqugħa stante li l-azzjoni kif proposta mill-atturi Michael Vella u Bernard sive Benny Abela hija improponibbli minħabba li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi sabiex tiġi proposta azzjoni kollettiva f'dan il-każ ma ġewx sodisfatti

**<u>Decide</u>**

**Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Dr. Justin Zahra nomine qiegħda tiġi milqugħa u għaldaqstant il-konvenut qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju**

**Bl-ispejjeż kontra l-atturi.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------